MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Numru. 446/2005

**IL-PULIZJIA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**

**KONTRA**

**IAN CAMILLERI**
**ERNEST PULIS**
**LUIZA SHARIPOVA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ian Camilleri, iben Frederick u Anna Maria nee’ Falzon, imwieled Tas-Sliema nhar it-18 ta’ Dicembru, 1969, residenti fil-fond numru 147, Rudolph Street, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 85069(M);

Ernest Pulis, bin Saviour u Antonia nee’ Agius, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-23 ta’ Frar, 1975, residenti fil-fond imsejjah Tee’s, Sister Street, Paola, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 152475(M);
U Luiza Sharipova, bint Anatoly u Milda nee’ Youzovna, imwielda r-Russja nhar it-12 ta’ Frar, 1984, residenti fil-fond Pace Guesthouse, St Agatha Street, Sliema, detentrici ta’ passaport bin-numru 62 no 0323019;

Akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, f’Mejju 2005 u fix-xhur precedenti, fil-Pace Guesthouse, Triq Sant’ Agatha, Sliema, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita’ barranija u maltija;

2. U kif ukoll talli zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Lil Ernest Pulis wahdu talli:

3. F’dawn il-Gzejjer, fl-14 ta’ Mejju, 2005 u fix-xhur ta’ qabel, minghajr licenjza tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm fil-fond Pace’s Guest House, Triq Sant’Agatha, Sliema, ezattament fil-kamra numru tnax(12), armi tan-nar u munizzjon, cioe’ pistol ta’ kulur iswed minghajr ghamla, 9mm, bis-serial number C05305, u pistol ghamla Valtrow 9mm, bis-serial number F28684, u ghoxrin(20) 9mm bullets munizzjon, u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semgtet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Prosekuzzjoni, u semghet it-trattazzjoni orali tad-Difiza;

Wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 7 u 8 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 2, 3, u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonjijiet in ezami jittrattaw tmexxija ta’ lukanda ghal skopjiet ta’ prostituzzjoni. Il-post in kwistjoni jismu Pace’s Guest House, fi Triq Sant’ Agatha, Tas-Sliema. Skond il-Prosekuzzjoni din it-tmexxija tal-fond kienet relatata fil-qrib ma’ tmexxija ta’ fond iehor ghall-istess skop. Dan il-fond l-iehor jismu ‘Adam’s Guest House’, u jinsab sitwat f’Ross Street, San Giljan. F’din il-kawza gew prodotti provi relatati maz-zewg fondi, b’mod pratikolari fil-process verbal ezebit fl-atti. Ghalhekk, peress illi l-imputazzjonijiet odjerni jittrattaw biss il-fond ‘Pace’s Guest House’, u l-allegata tmexxija tal-istess fond mill-imputati, din il-Qorti sejra tislet il-provi bir-reqqa, u dak li jitratta l-fond l-iehor u lil terzi li allegatament mexxew dak il-fond, ser jigi skartat ghall-finijiet ta’ din il-kawza.

Mill-assjem tal-provi prodotti, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-imputazzjonijiet gew ippruvati fil-konfront taz-zewg imputati Ian Camilleri u Ernest Pulis, izda m’hux fil-konfront ta’ Luiza Sharipova. Fil-fehma tal-Qorti ma gewx prodotti provi kontra din l-imputata, u ghaldaqstant ghandha tigi lliberata minn dawn l-imputazzjonijiet. Ghalkemm jista’ jkun li hi kienet taf x’kien qieghed jigri fil-‘guest house’, ma giex ippruvat li hi kellha xi sehem fit-tmexxija ta’ din l-attivita’. Fil-konfront ta’ Ian Camilleri, fost l-izjed provi indikattivi hemm l-istqarrijiet taghhom, li juru bic-car li huma kienu jafu sew x’qed isir gewwa Pace’s Guest House. Il-fatt li kienu qed jinzammu karti b’ismijiet ta’ nisa flimkien ma’ ammonti ta’ flus miktuba fuq kull isem (vide fols 89 sa 92), u li dawn il-karti kienu jintlew kull jum u jinzammu minnhom, juru bic-car li l-attivita’ fil-fond in kwistjoni kienet ikkontrollata u regolata sew. Jigifieri, l-iskop tal-hlas u tal-qliegh minn din l-attivita’ kienet wahda

ewlenija. Dawn wahidhom diga’ juru x-xjenza taz-zewg imputati ghal din l-attivita’, kif ukoll juru l-kontroll ezercitat minnhom fuq l-istess attivita’.

Id-Difiza ppruvat targumenta li l-provi prodotti kienu jinkwadraw f’imputazzjoni ohra li ma nghatatx – dik taht l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda l-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni. L-attivita’ li kienet ghaddejja fil-‘guest house’ kienet wahda intenzjonata u kkontrollata. Ma kinitx semplicement attivita’ li l-imputati kienu jafu biss biha minghajr ma kellhomx sehem fiha, u li huma ppermettew li ssir b’mod indifferenti. Li kieku kien hekk, id-Difiza kien ikollha ragun fis-sottomissjonijiet taghha targumenta kif ghamlet, u l-imputati ma jkunux jisghu jinstabu hatja taht l-Artikoli ndikati. Il-Qorti tara li z-zewg imputazzjonijiet moghtija taht il-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrizultaw, ghalkemm huma komprizi u nvoluti f’xulxin, u ta’ dawn l-istess imputazzjonijiet l-imputati Ian Camilleri u Ernest Pulis ghandhom jinstabu hatja. Ghal dak li jirrigwardja l-piena, il-Qorti hi tal-fehma li din ghandha tkun ta’ prigunerija effettiva, u mhux sospiza. Il-Qorti tixtieq twassal messagg car li huwa assolutament inaccettabbli li persuni jaghmlu qliegh mill-isfruttament ta’ nisa f’attivita’ bhal dik deskritta fil-proces.

Hemm ukoll imputazzjoni ohra fil-konfront ta’ Ernest Pulis – dik taht il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta izda, din ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk ta’ din l-imputazzjoni l-Qorti qed tillibera lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputata Luiza Sharipova hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieha, u ghaldaqstant tilliberaha minnhom;
Ma ssibx lill-imputat Ernest Pulis hati tat-tielet (3) imputazzjoni taht il-Kapitolu 66 (illum 480) tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghaldaqstant tilliberah minnha;
Izda ssib lill-imputati Ian Camilleri u Ernest Pulis hatja taz-zewg imputazzjonijiet l-ohra u tikkundannahom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------